MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 294/2005

**TN Waterproofing Services Limited [C 14676]**

**vs**

**Noel Pepe [ID 40580M]**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u erbghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm2,240.65) liema somma tirrapprezenta bilanc dovut mill-konvenut fuq xiri ta' rombli ta' *membrane,* u l-imghaxijiet relattivi kkalkolati sat-22 ta' Jannar, 2005, skond kif patwit permezz ta' skrittura privata datata 21 ta' Lulju, 2003 (Dok. A).

Bl-ispejjez, u bl-imghax mit-22 ta' Jannar, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-20 ta' Gunju, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------